

# AWTORITÀ TAD-DJAR

NOVEMBRU 1989

Id-Disinn finali tal-Belt il-Ġdida ta' l-Imtarfa approvat mill-Kumitat Inter-Ministerjali.

Awtorita' tad-Djar

# RAPPORT AMMINISTRATTIV

## 1.0 Daħla

1.1 Dan ir-rapport jittratta l-ħidma ta' l-Awtorita' tad-Djar tul is-sena finanzjarja mill-1 ta' Ottubru, 1989 sat-30 ta' Settembru, 1989.

1.2 Dan ix-xogħol sar taħt ir-responsabbilità tal-Bord nominat permezz ta' Avviz Numru 465 tal-Gazzetta tal-Gvern tal-24 ta' Ġunju, 1988, u kkonfermat permezz ta' Avviz Numru 349 tal-Gazzetta tal-Gvern tas-16 ta' Gunju, 1989.

1.3 Il-Bord ta' l-Awtorita' tad-Djar matul din is-sena kien immexxi mill-Perit Edward Benini B. Arch., A & C.E., bħala Chairman, u kellu bħala membri lis-Sur Paul V. Mifsud B.A. (Hons), M.A., Deputat Chairman, u lis-Sunjuri Pauline Ellul, Catherine Galea B.Sc. (Eng), B.A. (Arch), A. & C.E., Saviour Gatt, Gaetan Naudi A.C.I.S., Joe Scicluna u Piju Spiteri.

## 2.0 Sena ta' Konsolidazzjoni

2.1 Kien intwera, fir-rapport ta' l-Awtorita' tad-Djar tas-sena 1987/88, il-bżonn urġenti li kellu jiffaċċja fl-ewwel xhur tiegħu l-Bord il-ġdid, maħtur f'Ġunju ta' l-1987, biex jirrijorganizza l-istruttura ta' l-Awtorita', u biex jintroduċi idejat ġodda, u b' hekk jiġu stimulati rizultati fejjieda fil-qasam soċjali u nazzjonali tad-djar fil-Gżejjer Maltin.

2.2 Għalhekk matul l-1987/88, wara li l-Bord ta' l-Awtorita' kien approva "GuidelinePolicies" għas-snin 1987-1997, beda minnufih jintroduċi dawn il-"policies". Dawn gew iddisinjati w implimentati b'mod li " ... filwaqt li jipprovdu l-opportunita' lill-poplu li jakkwista djar deċenti għall-għixien tiegħu u li jagħtuh ukoll l-opportunita' li dawk il-postijiet fejn jabita jsiru proprjeta assoluta tiegħu, l-iżviluppi l-ġodda jinbnew b'mod koordinat ma' l-ambjent, ma' l-izvilupp tal-bini fil-pajjiz skond kif jiġi kkon dizzjonat minn li "Structure Plan" u, fuq kollox, li t-tqassim isir b'mod assolutament gust u li kulħadd ikun jista' jara li qed isir b'mod ġust." (Rapport Amministrattiv 1987/88)

2.3 Matul is-sena li għaddiet l-Awtorita' tad-Djar ħasbet prinċipalment li tikkonsolida x-xogħol u l-organizzazzjoni ta' dawn l-iskemi w proġetti filwaqt li ħasbet ukoll li timplementa aktar proġetti soċjali ġodda.

## 3.0 Il-Proġetti ta' l-Awtorità

Il-proġetti prinċipali ta' l-Awtorita' tad-Djar matul is-sena li għaddiet huma mfissra fil-qosor hawn taħt.

3.1 L-Iskemi A, B, C u D ta' l-Awtorita' tad-Djar.

L-iskemi A, B, C u D gew introdotti biex iħajjru nkwilini ta' djar tal-Gvern u tal-privat biex jixtru d-djar li jabitaw fihom. Dawn l-iskemi ġew ippubblikati permezz tal-ħarga tal-Gazzetta tal-Gvern Numru 14,939 tas-16 ta' Frar, 1988.

Sad-data tal-għeluq ta' dawn l-iskemi fit-28 ta' Frar, 1989, intlaqgħu elf mija w disgħin applikazzjoni.

Għall-iskemi A u B applikaw 379 u 387 rispettivament. L-istadju ta' l-ipprocessar ta' dawn l-applikazzjonijiet hu muri fid-dijagramma t' hawn taħt:




i. Saru 44 u 37 kuntratt ta' bejgħ ta' appartamenti ta' djar tal-Gvern taħt l-iskemi A u B.

ii. Fit-30 ta' Settembru, 1989, kien hemm 55 u 44 konvenju taħt l-iskemi A u B rispettivament.

iii. 'Il fuq minn 150 applikazzjoni ma setgħux jiġu pproċessati għax id-djar jew appartamenti nbnew snin ilu fuq art li dak iż-żmien ġiet akkwistata mill-Gvern permezz ta' "Uzu w Pussess", jew inkella fuq art mhux akkwistata mill-Gvern.

Biex jibda jsolvi din il-problema l-Gvern preżenti għadda Att Nru. XI ta' l-1989 mill-Kamra tad-Deputati li jkompli jemenda l-Ordinanza dwar l-Akwist ta' Artijiet għal skopijiet Pubbliċi (Kap. 88). Permezz ta' dan l-Att, id-Dipartiment ta' l-Artijiet issa huwa awtorizzat li jiddepozita fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili somma flus daqs l-ammont ta' kumpens offrut fl-avviż għall-ftehim dwar il-valur ta' l-akkwist ta' art b'xiri assolut (inkluż l-akkwist bil-bdil minn uzu w pussess jew dominju pubbliku għal proprjeta assoluta).

iv. Madwar 217-il applikant ma pproduċewx dokumenti meħtieġa għall-ipproċessar ta' l-applikazzjoni tagħhom.

v. Madwar 78 inkwilin ma resqux għall-konvenju.

vi. Madwar 140 applikazzjoni qegħdin fl-aħħar stadju ta' l-iproċessar.

Għall-iskemi C u D applikaw 38 u 386 rispettivament. Minn dawn s'issa saru 9 kuntratti ta' l-iskema C, u 108 ta' l-iskema D.

Huwa maħsub li l-ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet kollha pendenti jitlestew sa l-aħħar ta' 1989, u mmedjatament wara l-Awtorita' tippubblika l-iskemi ġodda "E" u "F".

3.2 Bini ta' Appartamenti Ġodda.

Matul din is-sena, filwaqt li tkompla x-xogħol fuq is-776 unit, mibdija l-biċċa l-kbira matul l-1988,

ingħata bidu għall-bini ta' madwar 580 unit oħra. Minn dawn diġa ngħataw l-offerti għall-bini ta' 364 unit. It-tabelli t'hawn taħt jispjegaw dawn il-figuri f' aktar dettall:-

## TABELLA NRU 1 - PROGETTI MIBDIJA 1987/88.

| Lokalita' | Numru ta' Appartamenti u mezzanini mibdija fl-1987/88 | Numru ta' Appartamenti u mezzanini kompluti sat-30.IX.89 |
|---|---|---|
| B'Bugia | 8 | 8 |
| Bormla | 4 | 4 |
| Hamrun | 16 | - |
| Isla | 4 | 4 |
| Kalkara | 72 | 72 |
| Kirkop | 36 | 36 |
| Mellieħa | 6 | 6 |
| Msida | 61 | - |
| Naxxar | 50 | 50 |
| San Gwann | 204 | 48 |
| San Pawl il-Baħar | 20 | 20 |
| Santa Lucia - 1987 | 50 | 50 |
| Santa Lucia - 1988 | 44 | - |
| Santa Venera | 80 | 48 |
| Valletta | 46 | 8 |
| Żejtun | 75 | 75 |
| TOTAL | 776 | 429 |

## TABELLA NRU 2 - PROGETTI MIBDIJA MATUL L-1989

| Lokalita' | Offerti għall-bini ta' appartamenti maħruġa mit-Teżor. | Offerti mogħtija sat-30.IX.89 |
|---|---|---|
| B'Kara | 80 | 72 |
| Bormla | 34 | 34 |
| Floriana | 8 | - |
| Hamrun | 22 | - |
| Isla | 8 | 8 |
| Kalkara | 26 | 14 |
| Mellicha | 4 | - |
| Mtarfa | 58 | - |
| Pieta | 45 | 30 |
| Rahal Gdid | 32 | 32 |
| Siggiewi | 88 | 88 |
| Tarxien | 24 | - |
| Valletta | 73 | 6 |
| Żabbar | 80 | 80 |
| TOTAL | 582 | 364 |

Iċ-ċifri murija hawn fuq huma aktar elokwenti mill-kliem. Fit-28 xahar bejn Mejju 1987 sa Settembru 1989, il-Gvern Malti, permezz ta' l-Awtorita' tad-Djar megħjuna mid-Dipartiment tax-Xogħolijiet nieda proġetti ta' aktar minn 1,350 appartament, li minnhom 429 huma lesti w ġew, jew qegħdin fil-fażi li jiġu, allokati lill-benefiċjarji, 929 qegħdin f'diversi stadji ta'kostruzzjoni, u 218 ser jingħataw bidu minn hawn u ftit ieħor.

Fl-ippjanar ta' proġetti ġodda għas-snin disgħin, minbarra t-tkomplija bit-tieni u bit-tielet fażijiet ta' l-Imtarfa, u bil-proġett ta' Pembroke/St Andrews/St Georges, għandu jingħata ħafna attenzjoni lir-riżultati ta' l-Istħarrig dwar id-Djar: April 1988. Bil-proġetti msemmija fuq, għandhom jintlaħqu l-biċċa l-kbira tal-familji li qegħdin jgħixu f'kundizzjonijiet inaċċettabbli. Għaldaqstant, fis-snin disgħin, hu antiċipat li l-enfasi għandha tgħaddi minn fuq proġetti ta' bini ta' appartamenti ġodda, għal proġetti ta' rijabilitazzjoni ta' nħawi fejn hemm bini żdingat, u ta' użu aħjar ta' l-istokk eżistenti ta' bini, f'ċerti każi kważi mhux użat, fiċ-ċentri tal-bliet u tal-villaġġi.

Għalhekk għandhom ukoll jitkomplew u jitkattru l-iskemi biex jitħajjru aktar inkwilini jsiru sidien ta' darhom, biex jgħinu lil dawn, kif ukoll sidien eżistenti tad-dar t'abitazzjoni tagħhom, li jibżgħu għad-djar tagħhom b'manutenzjoni xierqa w adekwata.

## 3.3 Il-Proġett ta' l-Imtarfa.

Wara li l-Awtorita' fl-1988 ndiet kompetizzjoni pubblika li għaliha setgħu japplikaw periti w inġiniera ċivili bl-iskop li dawn ifasslu proġett għall-iżvilupp ta' l-Imtarfa, u wara li ntagħżel il-proġett rebbieħ, dan ġie esibit għall-pubbliku li ġie wkoll mistieden li jissottometti bil-miktub il-kummenti tiegħu. Effettivament l-Awtorita' irċeviet qrib disgħin ittra mingħand individwi, soċjetajiet, u korpi oħra.

Fil-11 ta' Jannar tal-1989, sinteżi ta' dawn l-ittri flimkien ma' kopji tal-pjanti tal-Proġett intbagħtu lill-Ministri, lid-Dipartimenti konċernati, u lil diversi korpi kostitwiti, fejn dawn ġew mitluba jgħaddu l-kummenti w sottomissjonijiet lill-Awtorita' tad-Djar sat-12 ta' Frar, 1989.

Saru wkoll diversi laqgħat ma' dawk is-soċjetajiet li urew interess f'dan il-proġett, fosthom l-Għaqda Residenti Mtarfa, il-Moviment Azzjoni Soċjali, u ż-Żgħażagħ għall-Ambjent. Matul dawn il-laqgħat saru diskussjonijiet fit-tul, u ġew mistħarrġa dawk l-aspetti kollha li dawn is-soċjetajiet ikkummentaw dwarhom.

Wara li dawn il-materji kollha ġew diskussi mal-Periti tal-Proġett, saru dawk il-modifiki li setgħu jiġu nkorporati fil-proġett biex il-pjan definittiv tal-Belt ta' l-Imtarfa ġie finalizzat f' Mejju ta' l-1989.

Immedjatament wara saru l-pjanti dettaljati ta' l-ewwel blokk ta' 58 appartament li ser jiġu allokati b'kiri jew bejgħ issussidjat, u ġiet ippubblikata s-sejħa għal offerti għal dawn l-appartamenti fil-15 ta' Settembru, 1989.

Ġew inklużi wkoll fil-ħarġa tal-H.O.S. Settembru 1989, 80 plot fl-Imtarfa.

B'hekk ingħata bidu għal 138 unit ġdid fil-belt ta' l-Imtarfa. Ingħata bidu wkoll għall-bini tac-Ċentru Ċiviku, fejn nhar is-17 ta' Settembru, 1989 tqiegħdet l-ewwel ġebla mill-Onorevoli Prim Ministru bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-25 Anniversarju ta' Jum l-Indipendenza ta'' Malta.

Għandu jissemma' f'dan ir-rapport ir-relazzjoni ta' djalogu ħaj u kontinwu li jeżisti bejn l-"Għaqda Residenti Mtarfa" u l-Awtorita' tad-Djar. Dan ma jfissirx illi dejjem intlaħaq ftehim bejn iż-żewġ partijiet dwar il-pjan tal-proġett, iżda huwa fatt li b'riżultat tal-laqgħat li saru w tad-diskussjonijiet, ġew milqugħa fil-pjan finali ħafna proposti li tressqu mill-Ghaqda Residenti Mtarfa. Mill-banda l-oħra il-fatt li baqgħu xi punti li ma nstabx qbil dwarhom ma hassarx ir-relazzjoni ta' djalogu, u l-Awtorita' tibqa' tikkonsulta w tinvolvi r-residenti ta' l-Imtarfa matul dan il-proġett.

### 3.4 Skema tal-'Home Ownership'.

Matul ix-xhur ta' Ottubru u Novembru, 1988, intlaqgħu l-applikazzjonijiet għall-1,000 plot tal-H.O.S. li kienu avżati f' Settembru, 1988.

Fix-xhur sussegwenti sar l-ipproċessar ta' dawn l-applikazzjonijiet, u l-poloz tal-plots ittellgħu matul Marzu, 1989.

Hu f' waqtu li jissemma' li kien hemm 2,339 applikazzjoni għal dawn l-1,000 plot. Dan jindika l-popolarita' ta' l-skema tal-H.O.S. kif ġiet aġġornata fl-iskema l-ġdida.

Fil-fatt madwar 50% tal-benefiċjarji għażlu li jibbenefikaw mill-inċentiv il-ġdid, li permezz tiegħu ser igawdu minn għotja ta' flus li tlaħħaq massimu ta' Lm2,500, skond id-dħul tal-benefiċjarju, flimkien ma' self b'imgħax b'rata ftit anqas minn dik kummerċjali. B'danakollu xorta waħda l-benefiċjarji għadhom jistgħu, jekk iridu, jitolbu li jieħdu biss self b'imgħax issussidjat.

Kif imwiegħed fir-rapport ta' l-Awtorita' ta' l-1987/88, tħabbret ħarġa oħra ta' 600 plot taħt l-iskema ta' Settembru, 1989 f'diversi lokalitajiet ta' Malta u Għawdex.

**DAN IFFISSER LI MINN GUNJU 1987 'L HAWN, FLIMKIEN MA' L-IZVILUPP KBIR TA' BINI TA' APPARTAMENTI, IL-GVERN, PERMEZZ TA' L-AWTORITA' TAD-DJAR HOLOQ PROGETTI FEJN HEMM INVOLUTI 2,950 APPARTAMENTI W PLOTS. BIX-XOGHOL LI HEMM IPPROGRAMMAT GHAS-SENA D-DIEHLA, DIN IC-CIFRA GHANDHA TAQBEŻ L-4,000 UNIT SA SETTEMBRU, 1990.**

### 3.5 Allokazzjoni ta' appartamenti b'kera u bejgħ issussidjat.

Matul is-sena li għaddiet ġew ippubblikati sejħiet għall-applikazzjoni għall-allokazzjoni ta' 509 appartament u mezzanin f' diversi lokalitajiet (dawn ma jinkludux il-flats tal-Fgura - 6 sussidjati u 4 mhux sussidjati - u l-vilel ta' Ħal-Luqa).

Minn dawn 191, imxerrdin f' Buġibba, Birżebbuġia, Bormla, Kirkop, Mellieħa, Naxxar, Santa Lucia u ż-Żejtun, ġew allokati filwaqt li qed jiġu pproċessati applikazzjonijiet għal 318 appartament ieħor f' Ħal Kirkop, Santa Venera, San Ġwann, L-Isla u l-Kalkara, li jitqassmu madwar l-aħħar tal-1989.

B' kontinwazzjoni tal-proċess fil-miftuħ, introdott mill-Bord ta' l-Awtorita' fl-1988, ġiet żgurata l-applikazzjoni onesta tal-prinċipji ta' ġustizzja soċjali biex b'hekk jiġi dejjem garantit li l-ewwel li jiġu allokati dawn il-flats, ikunu dejjem dawk li l-aktar ħaqqhom.

Fil-fatt matul is-sena ġew aktar mirquma s-sistemi tal-punteġġ, biex jirriflettu dejjem aħjar il-mertu soċjali għall-għajnuna ta' l-applikanti. Fl-istess waqt ġie wkoll stabbilit li dawk l-applikanti bi dħul ta' Lm3,000 jew aktar fis-sena, ma jistgħux jikru l-flats, iżda jridu jixtruh bi prezz issussidjat skond id-dħul. Mill-banda l-oħra dawk bi qliegħ anqas minn Lm3,000 jistgħu jagħżlu li jixtru bi prezz issussidjat, jew jikru b'kera ssussidjata, skond id-dħul.

Ġieli ntqal li l-kera li bihom qed jiġu allokati dawn l-appartamenti hi għolja wisq. L-Awtorita' ma tistax taqbel ma' dan għax;-

i. Il-kera hi bbażata fuq sistemi ta' evalwazzjoni li ilhom jintużaw mill-ġwerra 'l hawn, skond il-" Rent Restriction (Dwelling Houses) Ordinance 1944".

ii. Din il-kera tiġi mbagħad issussidjata skond id-dħul tal-benefiċjarju, li jibqa' jgawdi dan is-sussidju sakemm jonora l-obbligi kollha tiegħu skond il-ftehim tal-kera.

iii. Dawk li għandhom dħul relattivament ogħla minn dawk li jaqilgħu l-paga minima, huma mistennija li jħallsu kera b'anqas sussidju. Hu xieraq li dawk li qed igawdu minn sistemi soċjali ta' piż finanzjarju kbir lin-Nazzjon, għandhom jikkontribwixxu, anki jekk b'mod margi nali, biex b'hekk ikomplu jgawdu oħrajn permezz tal-bini ta' aktar appartamenti.

Għandu jissemma' wkoll li, fil-bidu tas-sena li għaddiet, l-Awtorita' irriżervat fl-iskemi ta' l-allokazzjoni ta' l-appartamenti numru limitat ta' units għal familji b'membri handikappati, għal familji b' ġenitur wieħed, għal koppji għarajjes, u anke f' ċerti każi għal persuni waħedhom.

### 3.6 St Andrews/Pembroke/St Georges

Minkejja li l-proġett ta' l-Imtarfa ħa ħafna mir-riżorsi ta' l-Awtorita' tad-Djar għall-ewwel xhur tas-sena, fl-aħħar xhur ingħatat aktar konsiderazzjoni għall-proġetti ta' bliet ġodda oħra f'St. Andrews/Pembroke/ St. Georges, Ħal Far u Rikasoli.

L-Awtorita' iddeċidiet li għalissa tillimita dan l-eżerċizzju għal St Andrews - Pembroke - St Georges, u tħalli l-proġetti ta' Hal Far u Rikasoli għas-snin li ġejjin.

Għalhekk l-Awtorità ħejjiet rapport li qed jipproponi li din l-area tiġi żviluppata biex tipprovdi madwar 1,700 dar, H.O.S. plots, appartamenti, u vilel, u dawk il-binjiet oħra li għandhom jassiguraw li belt ta' din l- entita' tkun imżewqa bl-amenitajiet kollha.

L-Awtorita' qed tipproponi li din il-belt ġdida għandha tkun imfassla b'mod li parti minnha tiġi żviluppata kummerċjalment biex b' hekk jiġi ffinanzjat il-bini ta' l-appartamenti jew mezzanini soċjali.

**ŻJARA TAS-SEGRETARJU ĠENERALI TAL-KUNSILL TA' L-EWROPA, MADAME C. LALUMIERE, FI PROĠETTI TA' L-AWTORITÀ TAD-DJAR NHAR L-ERBGĦA L-1 TA' NOVEMBRU, 1989**



MTARFA



VALLETTA



S. VENERA

# FTUĦ UFFIĊJALI TA' APPARTAMENTI TAL-GVERN ALLOKATI B'KIRI U B'BEJGĦ FIL-1988



S. LUĊIJA



S. LUĊIJA



ŻEJTUN



MTARFA



MTARFA



VALLETTA



ŻEJTUN



ŻEJTUN

# PROĠETTI TA' L-AWTORITÀ TAD-DJAR - 1988/1989



KALKARA



MSIDA



VALLETTA



S. ĠWANN

Għaldaqstant din għandha tkun belt mimlija b' residenti li jiġu mid-diversi strati soċjali tas-soċjeta', bl-istess mod li żviluppaw tul il-mijiet tas-snin l-irħula w il-bliet tagħna.

Hu maħsub, li f'kaz li dan il-proġett iseħħ wara li jinkisbu l-finanzi neċessarji, l-istadju ta' l-ippjanar dettaljat jieħu minn 9 xhur sa sena, u l-ewwel xogħolijiet infrastrutturali jinbdew tard fl-1990.

Edward F. Bencini B. Arch., A. & C.E.

Paul V. Mifsud B.A. (Hons), M.A.

Gaetan Naudi A.C.I.S.

# RAPPORT FINANZJARJU 1988 - 89

## 1.0 Ġenerali.

1.1 Fl-estimi tad-dħul u nfiq għas-sena 1988/89 approvati mill-Kamra tar-Rappreżentanti kien hemm maħsub deficit ta' Lm4,277,000.

1.2 Għandu jingħad minnufih li f' diversi bnadi ta' l-attivita' tagħha, partikolarment b' riżultat tas-sistemi rigorużi biex jiġi assigurat kontroll assolut tas-sistemi tal-punti, bl-iskop li dejjem l-ewwel li jiġu allokati djar jew appartamenti jkunu dawk li l-aktar ħaqqhom, l-istaff żgħir ta' l-Awtorita' mhux dejjem laħħaq ma' l-ammont kbir tax-xogħol.

1.3 Dan id-dewmien kien fil-biċċa l-kbira tiegħu dovut għall-ammont kbir ta' applikazzjonijiet għad-diversi skemi, kif ukoll għall-fatt li bosta applikazzjonijiet ta' benefiċjarji prospettivi, li ġew milqugħa mill-Awtorita', ma ġewx finalizzati għax il-benefiċjarji ma resqux għall-att konklussiv.

1.4 Għalhekk, sibna li għal 50 appartament taż-Żejtun applikaw 240 familji. Għall-120 flat ta' Santa Lucia, Naxxar u Buġibba applikaw 893 familji. Għall-1,000 plot tal-H.O.S. kien hemm 2,339 applikant. Għat-318 post tal-Kalkara, Kirkop, L-Isla, San Ġwann u Santa Venera applikaw 1,197.

1.5 L-Awtorita' hasbet għal din is-sitwazzjoni billi żiedet il-"complement" ta' l-istaff tagħha minn 44 għal 53. Qed tiġi wkoll pprovduta spiża ta' Lm150,000 għall-akkwist ta' uffiċji ġodda, akbar u attrezzati aħjar minn dawk tal-preżent.

## 2.0 Skemi ta' Bejgħ.

2.1 Kif diġa ssemma' qabel, progress fl-iskemi A u B kien miżmum lura fl-ewwel xhur tas-sena minħabba diversi fatturi. Hu iżda ta' inkorraġġiment li d-dħul kollu daħal fl-aħħar xahrejn tas-sena w kollox juri li r-ritmu mgħaġġel issa milħuq għandu jibqa' għaddej.

2.2 Inkwantu għall-bejgħ ta' postijiet ġodda, għalkemm laħqu nbiegħu 95 appartament sa l-aħħar tas-sena finanzjarja, applikazzjonijiet pendenti għax-xiri ta' 145 flat ieħor jassigurana li sa Diċembru tinqabeż il-figura stmata għas-sena finanzjarja li għaddiet.

2.3 Effettivament minn konvenji w applikazzjonijiet pendenti kemm ta' l-Iskemi A u B, kif ukoll għall- bejgħ ta' appartamenti ġodda, hemm assikgurat sa l-ahhar tas-sena dħul ta' Lm449,400.

2.4 Id-dħul attwali kien ta' Lm520,468 kontra l-istimi ta' Lm1,050,000.

## 3.0 Dħul u Nfiq Rikorrenti.

3.1 Il-figuri tad-dħul u nfiq rikorrenti għall-aħħar erbgħa snin u dak maħsub għas-sena d-dieħla, huma elenkati hawn taħt

| Sena | Dħul Rikorrenti | Nefqa Rikorrenti u Soċjali f' Sussidji | Bilanċ (Żbilanċ) | Sussisju fuq l-imgħax |
|---|---|---|---|---|
| 1985/86 | 159,938 | 416,746 | (256,808) | 277,140 |
| 1986/87 | 142,947 | 510,015 | (367,068) | 280,541 |
| 1987/88 | 229,910 | 535,578[1] | (305,668) | 310,142[2] |
| 1988/89 | 296,276 | 653,236 | (356,260) | 316,737[3] |
| 1989/90 | 373,750 | 1,713,250 | (1,339,500) | 420,000[3] |

1. Infieq taħt skemi C u D matul l-1987/88 ma ġiex inkluż fin-nefqa ta' Lm535,578. L-Infieq għal dik is-sena fl-iskemi msemmija kien jammonta għal Lm 1,625 maqsum fuq żewġ kuntratti li ġew operattivi wara l-egħluq tas-sena finanzjarja.
2. Fl-estimi ta' l-Awtorita' fis-snin ta' qabel, is-sussidju fuq l-imgħax kien jintwera nett wara li jitnaqqas ir-rimbors mill- benefiċjarji. Din is-sena qiegħed jintwera gross u rimbors jidher bħala dħul.
3. In-nefqa rikorrenti mis-sena 1988/89 ma tinkludix l-ammonti allokati għall-fond għar-ripagament tas-self mingħand l-E.R.F.

3.2 Matul is-sena sar sforz sostanzjali flimkien mad-Dipartiment ta' l-Artijiet biex isiru kuntratti fuq il-mijiet ta' plots tal-H.O.S. li għadhom fuq konvenju, u li ilhom hekk snin twal, anke f' ċerti i każi madwar 10 snin. Fil-fatt matul is-sena saru 411 kuntratt.

## 4.0 In-Nefqa Kapitali.

4.1 In-nefqa kapitali ta' l-Awtorita' fil-"House Building Programme", matul din is-sena finanzjarja laħqet is-somma ta' Lm505,320 kontra dik maħsuba ta' Lm2,300,000. Dan ġara prinċipalment minħabba diffikulta fost ħafna kuntratturi li jsibu nies tas-sengħa tal-bini biex jassenjaw fuq dawn il-proġetti. Għandu jingħad ukoll li l-valur ta' xogħolijiet li tlestew imma li ma ġewx iċċertifikati għall-pagament kien ta' madwar Lm520,000 oħra.

Madankollu l-Awtorita' hi kommessa li tiffinanzja dawn il-proġetti, diġa' mibdija, fl-ammont ta' Lm1,797,000.

4.2 Apparti mill-proġetti msemmija fuq, l-Awtorita' hi ukoll kommessa li tiffinanzja l-proġett ta' l-Imtarfa li, għal din is-sena qed tiġi allokata għalih is-somma ta' Lm750,000.

## 5.0 In- Nefqa Soċjali f' Sussidji.

5.1 Ma jistax jonqos li l-Awtorita' tkompli tiżviluppa sistemi ta' sussidji soċjali fil-qasam tad-djar.

5.2 Hu stmat li s-sena d-dieħla dawn is-sussidji ser jiswew lill-Awtorita' l-ammont ta' Lm1,230,000.

# ESTIMI GĦAS-SENA 1989 - 1990
## FIL-QOSOR

| DĦUL | Lm | ĦRUG | Lm |
|---|---|---|---|
| A - Bejgħ ta' postijiet tal-Gvern | 1,426,000 | C - Nefqa Kapitali | 2,723,000 |
| | | D - Nefqa Soċjali f' Sussidji | 1,230,000 |
| B - Dħul Rikorrenti | 1,567,750 | E - Nefqa Rikorrenti | 883,250 |
| Likwidazzjoni ta' Assi ta' l-Awtorita' | 1,842,500 | | |
| | 4,836,250 | | 4,836,250 |

Nota: Dawn l-estimi ma jinkludux fondi oħra , mill-Fond Konsolidat, li jiġu approvati fl-Estimi tal-Gvern aktar tard matul is-sena li jiġu wkoll allokati għall-"House Building Programme".

## A. DHUL MINN BEJGH TA' PROPRJETA' TAL-GVERN

| DHUL 1987/88 | 1988/89 STIMA | 1988/89 DHUL | DETTAL | STIMA 1989/90 | NOTI |
|---|---|---|---|---|---|
| 27,750 | 450,000 | 195,770 | 1. Bejgħ ta' postijiet battala w oħrajn li se jinbnew matual is-sena 1989/90 | 700,000 | Din is-somma mistennija tidħol kollha mill-bejgħ ta' postijiet ġodda li jsir matul is-sena 1989/90. |
| 74,236 | 600,000 | 324,698 | 2. Bejgħ ta' postijiet lill-inkwilini. | 600,000 | Stima għall-bejgħ ta' postijiet tal-Gvern lill-inkwilini taħt l-iskemi A, B u E ta' l-Awtorita' |
| - | - | - | 3. Bejgħ ta' bċejjeċ ta' art għall-bini | 56,000 | Stima għall-bejgħ ta' bċejjeċ ta' art tal-Gvern għall-bini ta' postijiet fl-Imtarfa u fi bnadi oħra. |
| - | - | - | 4. Bejgħ ta' ċnus | 70,000 | Stima ta' fidi ta' ċnus fuq artijiet tal-HOS. |
| 101,986 | 1,050,000 | 520,468 | | 1,426,000 | |

## B. DHUL RIKORRENTI

| DHUL 1987/88 | 1988/89 STIMA | 1988/89 DHUL | DETTAL | STIMA 1989/90 | NOTI |
|---|---|---|---|---|---|
| LM 927 | LM 1,000 | LM 3,594 | 1. Kera ta' postijiet tal-Gvern. | LM 13,000 | Ikopri dħul tal-kera ta' postijiet li jkunu ser jinbiegħu lill-inkwilini, u dħul tal-kera ta' postijiet iffinanzjat mill-fondi tal-ERF. |
| 82,544 | 92,000 | 123,989 | 2. Ċnus ta' artijiet li harġu taħt l-Iskema tal-Home Ownership | 120,000 | Ikopru ċnus ta' bejjeċ ta' art taħt l-Iskema tal-Home Ownership |
| 98,057 | 90,000 | 92,606 | 3. Imgħax minn investimenti u flus fil-Bank. | 170,000 [1] | Ikopru nteressi minn investmenti lokali u barranin. |
| 46,646 | 25,000 | 21,560 | 4. Differenza ta' flus fi trasferimenti ta' artijiet tal-Home Ownership. | 25,000 | Wara li art tal-Home Ownership tiġi trasferita lil ħaddieħor bil-kunsens ta' l-Awtorita' tad-Djar, id-differenza tal-bejgħ tal-benefikati tgħaddi għand l-Awtorita'. |
| 1,246 | 750 | 816 | 5. Lawdemju | 750 | |
| - | - | - | 6. Dħul minn permessi għall-hwienet f'bini tal-HOS. | 5,000 | |
| - | - | 44,221 | 7. Rimborż ta' sussidji. | 40,000 [2] | Fis-snin ta' qabel dan l-ammont kien inkluż fil-vot tas-sussidju. |
| 490 | - | 9,490 | 8. Dħul iehor | Nil | |
| 229,910 | 208,750 | 296,276 | | 373,750 | SUBTOTAL |
| - | - | 1,018,174 | 9. Self mill-ERF | 1,194,000 | |
| 229,910 | 208,750 | 1,314,450 | | 1,567,750 | TOTAL |

1 L-interessi minn investmenti, stmati fl-ammont ta' madwar Lm87,000, din is-sena qed jiġu nklużi f'dan il-vot, filwaqt li fis-snin ta' qabel kienu jiġu nklużi ma' investmenti oħra.

2 Fis-snin ta' qabel, is-sussidju fuq l-imgħax ta' self mill-Lohombus kien jintwera nett wara li jkun tnaqqas reimbors ta' sussidju minn benefiċjarji. Din is-sena ir-reimbors qiegħed jintwera separat.

## C. NEFQA KAPITALI

| NEFQA 1987/88 | 1988/89 STIMA | 1988/89 NEFQA | DETTAL | STIMA 19899/90 | NOTI |
|---|---|---|---|---|---|
| LM | LM | LM | | LM | |
| 553 | 2,300,000 | 505,320 | 1. Kontribuzzjoni ta' l-Awtorita' għall-House Building Programme. | 1,797,000 | Ħlas mill-Awtorita' tad-Djar għal-xogħolijiet biex jitlestew appartamenti mibdija fl-1988. |
| - | 1,700 | 300 | 2. Ħlasijiet fuq Programmi ta' Bini ta' qabel | 500 | Ħlasijiet finali għal tqegħid ta' kmamar tal-banju u kontijiet ta' dawl u ilma li għadhom ma tħallsux. |
| 35,764 | 1,200 | Nil | 3. Xogħolijiet ġewwa Belt mil-Ġmiel | Nil | Ħlasijiet ta' kontijiet tal-aħħar. |
| - | - | 3,000 | 4. Proġett tal-Belt Ġdida fl-Imtarfa | 750,000 | Bini ta' l-ewwel 84 appartament u xogħolijiet mixxelanji oħra. |
| - | 8,000 | Nil | 5. Akkwist ta' uffiċċju ta' l-Awtorita' | 150,000 | Xiri ta' uffiċji għall-Awtorita' tad-Djar, u attrezzament relativ. |
| - | 7,300 | 3,000 | 6. Kompjuterizz-azzjoni ta' l-uffiċċju u Word Processor | 5,500 | Vot li jaħseb għax-xiri ta' 3 P.C.'s addizzjonali u 2 printers. |
| 3.212 | 9,000 | 621 | 7. Xiri ta' għamara, tagħmir u makkinarju ieħor għall-uffiċċju | 12,000 | Vot li jaħseb għat-tagħmir tal-uffiċċji ġodda. |
| 2,672 | - | Nil | 8. Xiri ta' karozzi ġodda. | 8,000 | Vot li jaħseb għall-akkwi st ta' żewġ karrozzi ġodda. |
| 42,201 | 2,327,200 | 512,241 | TOTAL | 2,723,000 | |

## D. NEFQA SOĊJALI F'SUSSIDJI

| NEFQA 1987/88 | 1988/89 STIMA | 1988/89 NEFQA | DETTAL | STIMA 1989/90 | NOTI |
|---|---|---|---|---|---|
| Lm | Lm | Lm | | Lm | |
| 1,625 | 750,000 | 117,499 | 1. Sussidju għax-xiri ta' postijiet privati (skemi C, D u F) | 370,000 | Vot biex jaħseb għal sussidju fuq il-prezz tax-xiri mill-inkwilini ta' postijiet privati. |
| Nil | 800,000 | Nil | 2. Sussidju dirett lil dawk li jingħataw plots fil-ħarġa tal-H.O.S. Sett. 88 u Sett. '89 | 440,000 | |
| 310,142 | 475,000 | 316,737 | 3. Sussidju fuq l-imgħaxijiet ta' self mill-Lohombus | 420,000[1] | Jiġbor fih ħlasijiet rikkorenti kif ukoll iż-żieda minħabba l-estensjoni tas-sussidji lil aktar benefiċjarji. |
| 311,767 | 2,025,000 | 434,236 | | 1.230,000 | |

1 Ara nota 2 f'paġna 2.

## E. INFIEQ RIKORRENTI

| NEFQA 1987/88 | 1988/89 STIMA | 1988/89 NEFQA | DETTAL | STIMA 1989/90 | NOTI |
|---|---|---|---|---|---|
| Lm | Lm | Lm | | Lm | |
| 117,792 | 172,000 | 109,508 | 1. Salarji, pagi, eċċ. | 204,000 | Flus għall-ħlas tal-pagi tal-impjegati kollha ta' l-Awtorita' għal sena sħiħa. |
| 5,537 | 7,000 | 4,931 | 2. Ħtiġijiet tal-Uffiċċju | 9,000 | Somma maħsuba biex tkopri spejjez ta' stationery, u ħwejjeġ oħra għall-użu fl-uffiċji. |
| 6,580 | 9,000 | 6,824 | 3. Trasport | 13,000 | |
| 70 | 200 | 73 | 4. Spejjes mixxellanji | 200 | |
| - | 1,500 | 750 | 5. Kera ta' l-uffiċċju | 750 | |
| - | 1,000 | Nil | 6. Ħlas ta' dawl u ilma ta' l-uffiċċju | 1,200 | |
| - | 600 | Nil | 7. Spejjez legali u ta' reġistrazzjoni ta' l-art | 600 | |
| 1,195 | 3,000 | 776 | 8. Spejjez fuq konferenzi u taħriġ għall-impjegati | 3,000 | |
| 93,012 | 230,000 | 94,888 | 9. Imgħaxijiet fuq self għall-iżvilupp | 250,000 | Ħlas ta' kapital w imgħax fuq self mill-ERF |
| 1,250 | 1,250 | 1,250 | 10. Ħlas lill-Awdituri | 1,500 | |
| 225,436 | 425,550 | 1,219,000 | | 483,250 | SUB TOTAL |
| - | 758,000 | 1,000,000 | 11. Fond għar-ripagament tas-self tal-ERF | 400,000 | Provvediment għall-ħlas lura ta' self mingħand l-ERF, li jrid jitħallas fis-snin li ġejjin. |
| 225,436 | 1,183,550 | 2,219,000 | | 883,250 | TOTAL |



Existing Detached Housing
Villa Development
Town House Plots
Existing Buildings to be Retained & Converted
Shops
Existing School
Playing Fields
Bus Stops
Public Gardens
Existing Chapel
Existing Trees
Trees
Paul Camilleri Associates
MANGION & MANGION